MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 1030/2014

**Falcotrans Limited (C8284)**

**vs**

**Ocean & Sky Logistics Limited (C35012) u**

**O & S Shipping Limited (C60596)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' O & S Shipping Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, intalbet din il-Qorti tirrevoka:

Il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1876/2014 fl-ismijiet *Falcotrans Limited vs Ocean & Sky Logistics Limited u O & S Shipping Limited* fil-konfront ta' O & S Shipping Limited u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Falcotrans Limited li ghar-ragunijiet fiha mfissra sostniet illi t-talba O & S Shipping Limited ghandha tigi michuda.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Jibda biex jinghad illi:

In linea ta' principju ghandu jigi enfasizzat illi d-dritt ta' kreditur li jikkawtela l-interessi tieghu sakemm id-dritt sostanstiv jigi definittivament determinat fil-proceduri fil-mertu m'ghandu qatt jitwarrab leggerment.

Inoltre qed jigi enfasizzat ukoll illi kull ezami li taghmel il-Qorti fi proceduri ta' din ix-xorta huwa essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn bl-iskrutinju profond jibqa' essenzjalment rizervat ghall-kawza fil-mertu.

Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri Galea vs Lewis (29 ta' Lulju 2005) u l-gurisprudenza fiha citata.

Is-socjeta' rikorrenti ssejjes it-talbiet taghha fuq il-premessa li O & S Shipping Limited qatt ma assumiet id-djun ta' Ocean & Sky Logistics meta assumiet l-operazzjonijiet kummercjali precedentement ezercitati minnha. Issa sabiex wiehed jiskarta addirittura din ic-cirkostanza, jehtieg li jsir ezami dettaljat u skrutinju profond tac-cirkostanzi kollha tan-negozju bejn il-partijiet fiz-zmien rilevanti. Dan l-ezercizzju zgur imur oltre mill-parametri tal-proceduri odjerni.

Il-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet meta O & S Shipping assumiet l-operazzjonijiet ta' Ocean & Sky Logistics hija mad-daqqa t'ghajn ambigwa f'dak li jirrigwarda l-possibbli assunsjoni ta' debiti, u ghalhekk f^dawn ic-cirkostanzi' din il-Qorti ma tistax tiskarta l-jedd ta' Falcotrans Ltd li tikkawtela l-pretensjonijiet taghha fil-konfront taz-zewg socjetajiet.

Finalment il-Qorti tafferma illi kull mandat jinhareg fuq ir-responsabbilità ta min talbu.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba ta' O & S Shipping kontenuta fir-rikors taghha tal-14 ta' Novembru, 2014.

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu minn O & S Shipping Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------